# Flimkien

Newspaper Post

SETTEMBRU 2020 • Numru 190




06 Jiena hu, tibżgħu xejn!

08 Pariri ta' xitan anzjan

10 Il-Knisja li nixtieq

12 What should a 4-year-old know?

16 Il-qtil ta' Don Pino

18 Xrobt iżżejjed?

24 Tattika u sensittività

Britannia

YOUR HOLIDAY STARTS HERE!

airmalta TOP SELLING AGENT 2018

# Lourdes...



4 - 8 ta' Diċembru

## GĦALL-FESTA TAL-IMMAKULATA KUNĊIZZJONI

*Staqsu għal aktar dettalji*

**Valletta Branch** - Tel: 2123 8039 **Paola Branch** - Tel: 2180 9930
**Mosta Branch** - Tel: 2141 3030 **Ħamrun Branch** - Tel: 2247 4850
**Gozo Branch** - Rabat Tel: 2156 5620 **bsl.com.mt**

IATA

# Ħaġa waħda biss!

Ħaġa waħda tgħożż il-Knisja,
mhux il-privileġġi, l-unuri jew ir-rikkezzi.

Ħaġa waħda tħobb il-Knisja,
mhux il-palazzi u l-artijiet;
mhux l-istatwi u l-pavaljuni,
mhux il-briju u ċ-ċelebrazzjonijiet.

Ħaġa waħda tfittex il-Knisja,
mhux li tkun fuq quddiem fl-aħbarijiet u l-gazzetti,
mhux li jfaħħruha u jsemmuha,
mhux li tiddandan fuq l-oħrajn.

Il-Knisja trid biss il-libertà,
libertà sħiħa u totali,
bla xkiel u bla kundizzjonijiet,
fejn, f'rispett lejn l-oħrajn,
ixxandar lil Kristu,
lil kulħadd,
kullimkien u f'kull żmien.
Dan biss trid il-Knisja, u dan biżżejjed.

## Agħti donazzjoni lill-Knisja

Il-Knisja f'Malta tagħmel ħafna xogħol fejjiedi fis-soċjetà u tgħin ħafna individwi u familji mil-lat pastorali, spiritwali, edukattiv kif ukoll materjali. Tmexxi wkoll djar għall-anzjani u t-tfal, id-Dar tal-Kleru, djar għal persuni vulnerabbli u day care centres, fost oħrajn. Biex tagħmel dan il-Knisja tiddependi mid-donazzjonijiet. Jekk tixtieq tagħti donazzjoni biex tgħin lill-Knisja, tista' tagħmel depożitu f'dan il-kont kurrenti mal-APS Bank plc:
**IBAN: MT13APSB77002000494810494830018**
**Isem tal-kont: Arċidjoċesi ta' Malta**
**Numru tal-kont: 10494830018**
Tista' wkoll tibgħat ċekk pagabbli lill-Arċidjoċesi ta' Malta, PO Box 1, Floriana.

Grazzi tal-kontribuzzjoni tiegħek

**FLIMKIEN online**
Verżjoni online tal-Flimkien hija disponibbli fuq: newsbook; maltadiocese.org; laikos.org; radjumarija.org


## Flimkien

Magazin ta' kull xahar maħruġ mill-Kulleġġ tal-Kappillani li jitqassam b'xejn lill-familji Maltin. Biex tirreklama u għal kull korrispondenza ċempel fuq 2182 8931 jew 7946 1470 jew bil-posta.

**INDIRIZZ**
Flimkien, Kulleġġ tal-Kappillani Kurja, il-Furjana

**EMAIL**
flimkien@maltadiocese.org

**Editur** Carmel Conti
**Grafika** Outlook Coop
**Stampar** Velprint Ltd

*Il-kitba li tidher fil-Flimkien apparti l-Editorjal mhux neċessarjament tirrifletti l-opinjoni tal-Bord Editorjali.*


**RAĠĠ DAWL**

*I am as sure as I live, that nothing is so near to me as God. God is nearer to me than I am to myself. My very existence depends on the nearness and the presence of God.*
*Meister Eckhart*

Jien żgur daqskemm jien żgur li jien ħaj, li xejn mhu qrib tiegħi daqskemm hu qrib Alla. Alla hu eqreb tiegħi milli jien qrib tiegħi nnifsi. L-eżistenza stess tiegħi tiddependi mill-viċinanza u l-preżenza ta' Alla.
Meister Eckhart




**MISSIO** (UFFIĊĊJU MISSJUNARJU) **Tel: 2123 6962** | **www.missio.org.mt** Find us on YouTube

# Inħarsu s-saħħa u l-ħajja



Ngħożżu l-ħajja bl-imħabba. Dan hu l-motto li sentejn ilu għażilt biex ikun ta' ispirazzjoni għall-ħidma tiegħi pastorali bħala isqof.

Bħalissa għaddejjin minn dan iż-żmien ta' pandemija. Ilna minn Marzu; ħsibna li konna qegħdin negħlbu l-virus, imma f'daqqa waħda reġgħu żdiedu bil-goff il-każijiet ta' COVID-19. Għalhekk, dan hu żmien mill-iktar speċjali meta niftakru sew fir-responsabbiltà li għandna li nġħożżu l-ħajja bl-imħabba.

Jekk aħna nimxu, kif għandna nimxu bir-reqqa, mal-miżuri għall-ħarsien tal-ħajja u tas-saħħa tagħna u tal-oħrajn, anke fejn hemm bżonn nagħmlu sagrifiċċju – nindunaw li dak huwa sagrifiċċju li jkun jiswa ta' ġid għas-soċjetà kollha. Jekk niġu naqgħu u nqumu minn dawn il-miżuri, nagħmlu li nħossu u li jogħġobna għax nixtiequ ngawdu, jew għax nagħmlu li jiġi f'moħħna, nindunaw li dak li nagħmlu jkun mhux biss ta' ħsara għalina imma wkoll ta' ħsara għas-soċjetà kollha.

Veru li hemm bżonn ir-rażan u s-sagrifiċċju. Għalhekk, Ġesù kontinwament jgħallimna fuq il-bżonn li ngħidu 'le' lilna nfusna fejn meħtieġ li nagħmlu ċ-ċaħda tagħna nfusna għal valur li hu hekk importanti bħalma hu, bħalissa u dejjem, il-valur tal-ħarsien tas-saħħa u tal-ħajja tagħna u tal-oħrajn.

✠ **Joseph Galea Curmi**
Isqof Awżiljarju

## KELMA TA' FRANĠISKU



Alla ma għandu bżonn lil ħadd biex jiddefendih u ma jridx li ismu jintuża biex ibeżża' lin-nies. Nappellaw biex ħadd ma jużа r-reliġjon biex jinċita l-mibegħda, il-vjolenza, l-estremiżmu u l-fanatiżmu agħma.

*God has no need to be defended by anyone and does not want His name to be used to terrorize people. We call upon everyone to stop using religions to incite hatred, violence, extremism and blind fanaticism.*

# Jien hu! Tibżgħu xejn!

## Diskors tal-Papa Franġisku dwar Ġesù jimxi fuq l-ilmijiet tal-għadira waqt tempesta (Mt 14,22-33)

Wara li kien tema' l-folla b'ħames ħobżiet u żewġ ħutiet, Ġesù jordna lid-dixxipli biex jitilgħu fuq id-dgħajsa u jmorru x-xatt l-ieħor. Hu jibgħat in-nies u jitla' fuq l-għolja, waħdu, biex jitlob, u hemm jitwaħħad f'komunjoni mal-Missier.

Waqt il-vjaġġ billejl fuq l-għadira, id-dgħajsa tad-dixxipli tibqa' imblukkata minħabba tempesta tar-riħ għal għarrieda. Fl-għadira din ħaġa normali. Ħin minnhom huma jaraw lil xi ħadd miexi fuq l-ilma riesaq lejhom. Bil-fixla jaħsbu li kien xi fantażma u bdew jgħajtu minħabba l-biża'. Ġesù jserrħilhom rashom: "Agħmlu l-qalb, jien hu, tibżgħu xejn!" Allura Pietru – Pietru, li kien tant deċiż – iwieġeb: "Mulej, jekk huwa int, ordna li niġi ħdejk fuq l-ilma." Sfida. U Ġesù jgħidlu: "Ejja!" Pietru jinżel mid-dgħajsa u jagħmel xi ftit passi; imbagħad ir-riħ u l-mewġ ibeżżgħuh u jibda jegħreq. Beda jgħajjat: "Mulej, salvani!" U Ġesù jaqbdu minn idu u jgħidlu: "Bniedem ta' fidi żgħira, għaliex iddubitajt?"

Dar-rakkont hu stedina biex aħna nintelqu bil-fiduċja f'Alla f'kull waqt tal-ħajja tagħna, speċjalment fil-waqt tal-prova u tal-konfużjoni. Meta nħossu d-dubju kbir u l-biża' donnhom se jgħerrquna, fil-mumenti diffiċli tal-ħajja, fejn kollox isir dlam, m'għandniex nistħu imma ngħajtu bħal Pietru: "Mulej, salvani!"

Inħabbtu fuq il-qalb ta' Alla, fuq il-qalb ta' Ġesù: "Mulej, salvani!" Hija talba sabiħa. Nistgħu ntennuha bosta drabi: "Mulej, salvani!" U l-ġest ta' Ġesù li jnewwel idu minnufih u jaqbad dik ta' ħabibu għandna nikkuntemplawh fit-tul: dan hu Ġesù, dan jagħmel Ġesù. Ġesù huwa l-id ta' Alla li qatt ma jabbandunana; l-id qawwija u fidila tal-Missier li jrid dejjem u biss il-ġid tagħna.

Li jkollna l-fidi jfisser li qalb it-tempesta nżommu qlubna merfugħin lejn Alla, lejn imħabbtu, lejn it-tenerezza tiegħu ta' Missier. Dan ried jgħallem Ġesù lil Pietru u lid-dixxipli, u lilna wkoll illum. Fil-waqtiet tad-dlam, fil-

mumenti ta' swied il-qalb, fil-waqtiet tan-niket, Hu jaf tajjeb li l-fidi tagħna hi fqira – ilkoll kemm aħna nies ta' fidi dgħajfa, ilkoll, jiena wkoll, ilkoll – u li l-mixja tagħna tista' tkun imqallba, imblukkata minn qawwiet kuntrarji. Imma Hu qam! Ma ninsewhx dan! Hu l-Mulej li għadda mill-mewt biex iwassalna għas-salvazzjoni. Sa minn qabel ma nibdew infittxuh aħna, Hu jkun preżenti ħdejna. U meta nerġgħu nqumu mill-waqgħat tagħna, isaħħilna l-fidi. Forsi fid-dlam, aħna ngħajtu, "Mulej! Mulej!" għax naħsbu li jkun imbiegħed. Imma Hu jgħidilna, "Jien hawn!" Ah! Kien diġà miegħi! Hekk hu magħmul il-Mulej.

Id-dgħajsa titħabat mat-tempesta hi xbieha tal-Knisja, li f'kull epoka tiltaqa' ma' rjieħ kontriha, kultant provi ibsin ħafna. Niftakru fil-persekuzzjonijiet twal u akkaniti tas-seklu li għadda, u llum ukoll f'xi nħawi. F'dawk is-sitwazzjonijiet il-Knisja jista' jkollha t-tentazzjoni li taħseb li Alla abbandunaha. Imma fir-realtà hu propju f'dawk il-waqtiet li tiddi l-aktar ix-xhieda tal-fidi, ix-xhieda tal-imħabba, ix-xhieda tat-tama. Hi l-preżenza ta' Kristu Rxoxt fil-Knisja tiegħu li tagħti l-grazzja lix-xhieda sal-mewt, li minnha jwarrdu Nsara ġodda u frott ta' rikonċiljazzjoni u paċi għad-dinja kollha.

L-interċessjoni ta' Marija tgħinna nipperseveraw fil-fidi u fl-imħabba fraterna, meta d-dlam tat-tempesta tal-ħajja jitfgħu fi kriżi l-fiduċja tagħna f'Alla.

9 ta' Awwissu, 2020



# Pariri ta' xitan anzjan

## Xitan anzjan jagħti pariri lil xitan żagħżugħ u bla esperjenza dwar kif jittenta u jirnexxilu jwaqqa' lill-bnedmin.

C. S. Lewis kiteb ***The Screwtape Letters*** fi żmien il-gwerra f'forma ta' 31 ittra li fihom Screwtape (xitan anzjan) jipprova jagħti lin-neputi tiegħu Wormwood pariri prattiċi u metodi ġodda kif ifixkel il-fidi ta' raġel Ingliż li hu jirreferi għalih bħala 'il-pazjent' u li ftit qabel ikun tgħammed u sar Nisrani. Wormwood u Screwtape jgħixu f'dinja moralment maqluba ta' taħt fuq. Għalihom il-gwadann personali u r-regħba huma meqjusa bħala l-aqwa ġid. Ħadd minnhom ma jista' jifhem kif Alla għandu dik l-imħabba kollha għall-bniedem, u lanqas kif il-bniedem jista' jiddeċiedi li jgħix tajjeb. Għaldaqstant, fl-ittri tiegħu Screwtape jirreferi għal Alla bħala 'Għadu' u għal Satana bħala 'Missierna'.

Fl-ittri tagħhom tispikka d-differenza kbira fit-tattika użata minnhom it-tnejn. Wormwood, għalkemm aktar żagħżugħ, juża metodi aktar 'tas-soltu' billi jipprova jittanta lill-pazjent għal dnubiet 'spettakolari' u juża ħafna argumenti. Min-naħa l-oħra Screwtape jippreferi metodi aktar fini, u jħeġġeġ lil Wormwood iwaqqa' lill-pazjent fil-bruda, fil-medjokrità u fil-passività.

Fl-ittra numru 22, Wormwood jaqla' ħasla għax, minkejja ġimgħat sħaħ jipprova jqabbad lill-pazjent ma' mara ta' ħajja laxka, il-pazjent isir iħobb tfajla Nisranija. Fl-aħħar ittra nsiru nafu li l-pazjent imut waqt attakk mill-ajru, u jmur il-Ġenna. Wormwood kellu kastig jistennieh talli ħalla ruħ tiżgiċċalu minn taħt idejh. Din li ġejja hija verżjoni mqassra tal-ewwel ittra ta' Screwtape. Naturalment ma hemmx isbaħ milli taqra l-ktieb kollu fl-oriġinal.



Għażiż neputi Wormwood,

Qed ninnota li qed tipprova twaqqa' lill-pazjent bl-argumenti u bir-raġunamenti. Imma ż-żminijiet inbidlu. Illum għandna mezzi aktar moderni u effiċjenti. Jekk se toqgħod tuża ħafna r-raġuni, se tkun qed tilgħab fil-kamp tal-Għadu, li jaf jargumenta wkoll – għalkemm fejn tidħol il-propaganda mhux kapaċi daqs 'Missierna Li Hu Hawn Isfel'.

Anki jekk ċerti argumenti aħna kapaċi ndawruhom għall-iskopijiet tagħna, jekk se niġġieldu lill-Għadu bl-argumenti se nirriskjaw li nitilfu. Li rridu nagħmlu hu li nġiegħlu lill-pazjent jixxennaq għal affarijiet li jista' jara, imiss b'idejh u jakkwista hawn u dal-ħin. Tidħolx f'argumenti dwar x'inhi realtà. Ikkonvinċih li r-realtà tikkonsisti fil-gost li jista' jakkwista issa stess. Ftakar li l-Pazjent mhux bħalek, mhuwiex spirtu. U peress li aħna qatt ma konna bnedmin (ħeqq, dak hu l-vantaġġ enormi li għandu l-Għadu fuqna!) int ma tistax tirrealizza xi pressjoni l-ħajja ta' kuljum kapaċi tagħmel fuq il-Pazjent. Ħa ngħidlek l-esperjenza tiegħi.

Darba kelli pazjent li kien ateu konvint. Kien iħobb jaqra ħafna, ifittex, jistudja u jgħarbel. Darba waħda, hu u jaqra, indunajt li bdiet tifforma katina ta' ħsieb f'moħħu li setgħet spiċċat ħażin għalina. Naturalment l-Għadu ġera għal ħdejh biex jirbħu lejh. Dak il-ħin bżajt li għoxrin sena xogħol kienu se jisfumawli fix-xejn. Kieku tlift rasi, kont immur fuq id-difiża billi nuża l-argumenti … u żgur kont nitlef kollox. Imma jien m'iniex xi baħnan! Attakkajt dik il-parti tal-pazjent li l-aktar kelli kontroll fuqha. Fakkartu li kellu stonku vojt u li kien sar il-ħin biex imur jiekol xi ħaġa. Milli jidher l-Għadu induna u rribatta billi qallu li dan is-suġġett li kien qed jaqra fuqu kien aktar importanti mill-ikel. Qed ngħid 'milli jidher' għax, kif taf int, qatt ma tista' tkun taf eżatt xi jkun qed jgħidilhom l-Għadu. Jien fesfistlu f'widnejh li s-suġġett li kien qed jaqra dwaru kien importanti ħafna, veru, tant li jixraqlu jkompli jaqra dwaru fuq stonku mimli u b'moħħ aktar frisk!

Irnexxieli! Il-pazjent malajr qam biex imur jitrejjaq – u l-battalja daret favurina! Komplejt naljenah billi wrejtu ħanut tal-gazzetti u karozza tal-linja. Sakemm tela' t-tarġa tal-karozza kont diġà kkonvinċejtu li kienu x'kienu l-argumenti li ltaqa' magħhom fil-ktieb, kienet ħafna aktar importanti li jkun b'saqajh nal-art. Fil-każ tiegħu dan kien ifisser l-aħbarijiet fuq il-gazzetta u biċċtejn sandwich. Dak il-ħin l-argumenti f'dawk il-kotba dehru irrilevanti. Illum dak il-pazjent jinsab f'dar 'Missierna'.

Fhimtni? Li trid tagħmel hu li ġġiegħlu jiffoka fuq l-affarijiet ordinarji, dak li jidher, li jista' jmiss b'idu ISSA. Tintilifx f'argumenti kontra l-Kristjaneżmu għax dawk jinkuraġġuh jaħseb dwar realtajiet li ma jistax jara jew imiss. Tinsiex li xogħlok hu li tħawdu. Minn kif nismagħkom titkellmu intom ix-xjaten żgħażagħ donnkom mingħalikom li xogħolkom hu li toqogħdu tgħallmu lill-bnedmin. Le, xogħolkom hu li tħawduhom!

Zijuk l-għażiż, Screwtape

# Il-Knisja li NIXTIEQ



**Joe Huber jintervista lil Mons. Mario Grech, li nħatar mill-Papa Franġisku bħala Prosegretarju Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet.**

**Minn mindu l-Papa Franġisku nnominak Prosegretarju Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet bdejna nirreferu għalik bħala 'Amministratur Appostoliku' għal Għawdex. Xi jfisser dan it-tibdil?**
Minn dakinhar li l-Papa ħatarni Prosegretarju Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet jien ma bqajtx Isqof tad-Djoċesi ta' Għawdex, però fl-istess waqt il-Papa talabni biex nibqa' naqdi lil din il-Knisja partikolari sakemm jinħatar is-suċċessur tiegħi fid-Djoċesi. Kien għalhekk li l-Papa ħatarni "Amministratur Appostoliku", li hu uffiċċju bl-istess fakultajiet ta' Isqof Djoċesan, għalkemm fl-istess waqt ma bqajtx l-Isqof tad-Djoċesi. Infatti mit-2 ta' Ottubru 2019, jiġifieri minn dakinhar tal-ħatra tiegħi, fil-quddies li jsir f'Għawdex ma baqgħux jgħidu "nitolbu għall-Isqof *tagħna* Mario" imma "nitolbu għall-Isqof Mario". Il-predeċessur tiegħi, l-Isqof Nikol G. Cauchi kien għamel ħames snin bħala Amministratur Appostoliku qabel ma nħatar Isqof Djoċesan.

**Fissrilna fuq fuq il-ministeru ġdid tiegħek fil-Knisja.**
Id-dekasteru li fdali l-Papa huwa responsabbli biex jorganizza s-Sinodu tal-Isqfijiet li normalment jiltaqa' darba kull tliet snin. F'dan is-Sinodu jieħdu sehem l-Isqfijiet tad-dinja kollha. Huwa l-Papa li jsejjaħ is-Sinodu u jipproponi t-tema li tkun se tiġi diskussa. Fi ftit kliem, l-Isqfijiet fis-Sinodu jgħinu lill-Papa biex issir riflessjoni teoloġika kif ukoll pastorali. Meta ftit iktar minn 50 sena ilu l-Papa Pawlu VI waqqaf is-Sinodu tal-Isqfijiet kien sejjaħlu "kunsill permanenti speċjali" tal-Papa. Infatti, filwaqt li l-kongregazzjonijiet tas-Santa Sede huma taħt ir-responsabbiltà ta' "prefett", fil-każ tas-Segreterija Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet il-president huwa l-Papa nnifsu. Huwa jippresiedi l-laqgħat tal-Kunsill fi ħdan is-Segretarjat kif ukoll is-seduti kollha li jkun hemm waqt is-Sinodu.

Huwa l-uffiċċju tagħna li jrid jieħu ħsieb iħejji d-dokumenti preparatorji għas-Sinodu u l-konsultazzjoni ta' qabel is-Sinodu. Imbagħad, meta jintemm is-Sinodu u l-Papa jagħtina l-Eżortazzjoni Appostolika li tkun il-konklużjoni tas-Sinodu, l-uffiċċju tagħna jara li jkun hemm l-implimentazzjoni ta' din l-Eżortazzjoni.

Minbarra dawk li jissejħu "sinodi ordinarji", li jiġu ċċelebrati kull tliet snin, hemm ukoll "sinodi speċjali", bħal dak li sar is-sena l-oħra dwar l-Amażonja, u sinodi straordinarji, bħal dak li kien sar fl-2014 dwar il-familja.

**Allura minn Ottubru li ġej ir-residenza permanenti tiegħek se tkun fil-Vatikan?**
Iva, minħabba n-natura ta' din il-missjoni, kontra qalbi jkolli nħalli l-gżira sabiħa ta' Għawdex biex ngħix hemm.

**Kif qed tħejji ruħek għal din il-kariga li ġġorr piż u responsabbiltà kbira?**
Xi ftit nista' nimmaġina dan il-piż, imma jien konxju ukoll mil-limiti tiegħi. Dan għedtu lill-Papa meta sejjaħli f'Settembru 2019 biex jagħmilli l-proposta. Però fl-istess ħin jien dejjem emmint li ladarba Alla jagħtina sejħa, mhux sejjer ma jagħtiniex il-grazzja biex inkunu nistgħu nwettqu mill-aħjar il-missjoni li jkun fdalna. Għamilt din l-esperjenza tal-qawwa tal-grazzja fil-ħmistax-il sena li kont responsabbli mit-tmexxija tad-Djoċesi f'Għawdex.

Bħala Isqof ġarrabt xi tfisser dik li tissejjaħ "grazzja tal-istat". Għalhekk jien fiduċjuż li anke issa Alla jipprovdili. Naturalment jien konxju wkoll li aħna rridu nagħmlu l-parti tagħna. Allura apparti li qed ninteressa ruħi aktar fil-letteratura teoloġika dwar il-Knisja sinodali, naf li hemm nies ta' formazzjoni teoloġika u esperjenza pastorali lesti biex jgħinuni. Illum aktar minn qatt qabel nemmen li ma nistgħux ma nkunux "sinodali", fis-sens li għandna bżonn nisimgħu aktar lil xulxin u nimxu flimkien. Dan l-atteġġjament żgur itaffi l-piż tal-ministeru li se nidħol għalih.

**X'tip ta' Knisja tixtieq li jkun hawn?**
Niftakar tajjeb li meta sirt isqof xtaqt li l-ewwel ittra pastorali tiegħi tkun propju dwar x'inhi l-Knisja llum. Ma ktibthiex, imma matul l-episkopat tiegħi ħafna drabi tkellimt dwar dan is-suġġett. Nemmen li l-Ispirtu s-Santu permezz tal-Konċilju Vatikan II tana linji ċari dwar kif għandha tkun il-Knisja f'din l-epoka li qed ngħixu.

Neħtieġu Knisja sinodali qabelxejn fil-ħajja interna tagħha, jiġifieri Knisja fejn il-poplu ta' Alla kollu għandu jsib spazju fejn isemma' l-vuċi tiegħu u allura ma tibqax Knisja 'klerikali'. Diġà jeżistu strutturi fi ħdan il-Knisja biex ikun hemm din il-parteċipazzjoni tal-imgħammda kollha (bħall-kunsill parrokkjali, il-kunsill pastorali, il-presbiterji parrokkjali, il-kummissjonijiet, eċċ.). Apparti li hemm diversi komunitajiet li lanqas biss jafu b'dawn l-esperjenzi, nibża' li anke fejn jeżistu dawn l-istrutturi pastorali aktar huma fora fejn wieħed jikkomunika t-tagħrif milli fejn isir dixxerniment flimkien.

Imbagħad, nixtieq nara Knisja li tħaddem dan l-atteġġjament sinodali kemm ma' Nsara oħra li mhumiex Kattoliċi (ekumeniżmu), ma' persuni li għandhom twemmin ieħor, kif ukoll ma' dawk li jgħidu li ma għandhom ebda twemmin. Fi kliem ieħor, Knisja li ma tibżax tidħol fi djalogu mad-dinja u tisma' anke lid-dinja. Imma biex nifthu dan id-djalogu hemm bżonn nagħmlu fine tuning tal-ħsieb tagħna, ta' kliemna u tal-istess attitudnijiet tagħna.

**F'intervista li kellek ma' Alessandro Gisotti fit-30 ta' Mejju, u f'ittra li bgħatt lis-saċerdoti tad-Djoċesi Għawdxija, int għedt li jkun suwiċidju jekk wara l-pandemija nerġgħu lura lejn il-mudelli pastorali ta' qabel. X'ridt tgħid biha?**
F'ċertu sens il-pandemija kienet "barka" għax kixfet ċertu faqar reliġjuż. Il-kotra kkuntentat ruħha bil-quddiesa fuq il-midja soċjali. Mhux qed ngħid li l-Ewkaristija mhix importanti; fil-fatt hija l-għajn u l-quċċata tal-ħajja Nisranija. Imma l-Ewkaristija mhix l-uniku mod kif wieħed jidħol f'relazzjoni ma' Ġesù. Hemm modi oħra bħalma huma, fost l-oħrajn, il-kuntatt mal-Kelma ta' Alla, il-karità u l-imħabba fraterna. Mhux Ġesù stess qalilna li fejn hemm tnejn jew tlieta jgħixu flimkien f'ismi, jien inkun f'nofshom? Il-Kardinal Martini darba kien qal li l-komunità Nisranija għandha tkun "komunità alternattiva" għall-komunità frammentata li teżisti llum fis-soċjetà. Issa l-fatt li meta l-knejjes kienu magħluqa aħna ma għarafniex niskopru dawn l-ispazji differenti fejn nistgħu nagħmluha ma' Ġesù, jista' jfisser li l-mudelli pastorali li ħaddimna sal-lum ma kinux effettivi. Għalhekk tkun ħasra jekk nerġgħu naqgħu għall-mudelli pastorali ta' qabel.

# What should a 4-year-old know?

During a school gathering an anxious mother confessed that she was worried that her four-and-a-half-year-old did not know enough. “What should a four-year-old know?” she asked.

Most of the answers left me saddened and annoyed. One mother gave us a whole list of all of the things her son knew: counting to 100, names of the planets, how to write his first and last name, etc. Others chimed in with how much more their children already knew, even though they were only three. It bothered me to see these mothers responding to a worried mum by adding to her concern with lists of all the things their children could do that hers could not. We are such a competitive culture that even our pre-schoolers have become trophies. But childhood should not be a race.



## What a four-year-old should know

So here I offer my list of what a four-year-old should know.

- They should know that they are loved wholly and unconditionally, all of the time.
- They should know that they are safe and they should know how to keep themselves safe in public, with others, and in varied situations.
- They should know that they can trust their instincts about people and that they never have to do something that does not feel right, no matter who is asking.
- They should know their personal rights and that their family will back them up.
- They should know how to laugh, act silly, and use their imagination.
- They should know that it is always OK to paint the sky orange and give cats six legs.
- They should know their own interests and be encouraged to follow them. If they could not care less about learning numbers, their parents should realise they will learn them accidentally soon enough, and let them immerse themselves instead in rocket ships, drawing, dinosaurs or playing in the mud.
- They should know that the world is magical, and that so are they.
- They should know that they are wonderful, brilliant, creative, compassionate and marvellous.
- They should know that it is just as worthy to spend the day making sand castles and picking pebbles as it is to practise writing the numbers (or rather more worthy).



# And here is what parents need to know

- That every child learns to walk, talk, read and do algebra at their own pace, and that it will have no bearing on how well they will walk, talk, read or do algebra.
- That the single biggest predictor of high academic achievement is reading to children. Not flash cards, not workbooks, not fancy preschools, not blinking toys or computers, but Mum or Dad taking the time every day or night (or both!) to sit and read them wonderful books.
- That being the smartest or most accomplished kid in class has never had any bearing on being the happiest. We are so caught up in trying to give our children "advantages" that we are giving them lives as multi-tasked and stressful as ours. One of the biggest advantages we can give our children is a simple, care-free childhood.
- That our children deserve to be surrounded by books, nature, art supplies and the freedom to explore them. Most of us could get rid of 90 percent of our children's toys and they would not be missed, but some things are important: building toys like LEGO and blocks, creative toys like all types of art materials (good stuff), musical instruments (real ones and multicultural ones), dress-up clothes and books, books, books.



- They need to have the freedom to explore with these things too: to play with scoops of dried beans in the high chair (supervised, of course), to knead bread and make messes, to use paint and play dough and glitter at the kitchen table while we make dinner, even though it gets everywhere, to have a spot in the yard where it is absolutely fine to dig up all the grass and make a mud pit.

- That our children need more of us. We have become so good at saying that we need to take care of ourselves that some of us have used it as an excuse to have the rest of the world take care of our kids. Yes, we all need undisturbed baths, time with friends, sanity breaks and an occasional life outside of parenthood. But we live in a time when parenting magazines recommend trying to commit to 10 minutes a day with each child and scheduling one Saturday a month as family day. That is NOT ok!

- Our children do not need playstations, computers, after-school activities, ballet lessons, play groups and soccer practice nearly as much as they need US.

- They need fathers who sit and listen to their days, mothers who join in and make crafts with them, parents who take the time to read them stories and act like idiots with them.

- They need us to take walks with them and not mind the very slow pace of a toddler on a spring night. They deserve to help us make dinner even though it takes twice as long and makes it twice as much work. They deserve to know that they are a priority for us and that we truly love to be with them.

- So ... what does a four-year-old need? Much less than we realise ... and much more.

*Addattata minn post fuq is-sit elettroniku A Magical Childhood.*



# KONT QED NISTENNIEHA!

## Mhux mill-kliem tal-vjolenti nibża', imma mis-silenzju tal-onesti – Don Pino Puglisi.

Don Pino Puglisi kien saċerdot Sqalli, kappillan ta' Brancaccio, kwartier żgħir u mitluq f'Palermo. Iġġieled lill-Mafja bil-kelma u l-edukazzjoni tat-tfal u ż-żgħażagħ. Għax għamel hekk, heddewh u fl-aħħar dabbar tir ta' pistola f'għonqu – propju dakinhar li għalaq 56 sena: il-15 ta' Settembru. Imma ħidmietu, anki llum, għadha ta' ispirazzjoni għal ħafna. L-eżempju kuraġġjuż tiegħu, mimli fidi, għandu jimliena kuraġġ biex nemmnu fl-edukazzjoni u ma nieqfu qatt neħduha kontra l-ħażen organizzat li jeżisti.

Missieru skarpan; ommu ħajjata. Kien qasir u rqajjaq. Kienu jsejħulu "3P" – Padre Pino Puglisi. Dejjem jitbissem; jitkellem bil-mod; jipprova jsib il-kelma addattata. Meta kien jisimgħek, kien ikun moħħu f'dak li qed tgħidlu, qisu ma jeżisti ħadd aktar ħliefek. Sentenza famuża tiegħu: Alla jħobbna, imma dejjem permezz ta' ħaddieħor.

Kien stunat … imma xorta kien ikanta. Jagħtik appuntament … u dejjem jasal tard! Ibati b'imsarnu … imma jibqa' jiekol l-ikel tal-bottijiet biex jgħaġġel. Kien jgħid li l-petrol kien il-ħobż tiegħu għax iktar kien jimpurtah li jimla l-karozza bil-petrol milli l-friġġ bl-ikel, biex ikun jista' jmur kullimkien, anki billejl. Bl-għaġla u b'elf ħsieb iduru f'rasu, spiss kien jitlef iċ-ċwievet. Kien imferfex; ibeżżgħek tarah isuq! Kien iqum mas-sebħ biex jitlob. Fi tmiem il-jum, maħlub, kien joqgħod jaqra fuq il-pultruna, fejn spiss kien jispiċċa jorqod.

Ma kellux kont il-bank; il-geyser dejjem imtaqqab; il-vitijiet kollha jqattru. L-unika ħaġa ta' preġju li kellu d-dar kienet librerija mimlija kotba tal-filosofija u l-psikoloġija. Meta offrewlu karigi ta' prestiġju jew f'parroċċi inqas perikolużi, kien iweġibhom: 'Ħalluni hawn, qalb il-foqra!'

Kien jirrifjuta l-flus li l-Mafjużi kienu joffrulu għall-festa tal-parroċċa ta' San Gejtanu. Ma kienx iħalli Mafjużi magħrufa jakkumpanjaw f'purċissjonijiet reliġjużi. Meta ġie biex jirrestawra knisja li s-saqaf tagħha kien qed jaqa', ma ħalliex li x-xogħol isir minn kuntrattur issuġġerit lilu mill-Mafja. Madankollu, mill-pulptu tal-knisja kien saħansitra stieden lill-għedewwa moħbija tiegħu: 'Ejjew nitkellmu u niddiskutu.'

Don Pino (Giuseppe) ma ppruvax jikkonverti lil min kien ilu maqbud fl-għanqbuta tal-Mafja, imma għamel minn kollox biex ma jħallix jidħlu fiha lit-tfal li kienu jiġru barra fit-toroq. Dawn it-tfal kienu jħarsu lejn il-Mafjużi bħala l-idoli tagħhom, nies li jistħoqqilhom rispett, li ta' min jimitahom u jkun bħalhom. Kien jemmen li fit-tfal wieħed jista' jħalli marka.

Permezz ta' attivitajiet u logħob kien jurihom kif wieħed jista' jikseb ir-rispett tal-oħrajn bla ma jkun kriminal; li wieħed jista' jirbaħ ir-rispett billi jħaddan ideat u valuri tajba. Don Puglisi neħħa mit-toroq ħafna tfal li mingħajru kienu jibdew b'xi serqa żgħira u jispiċċaw fil-kuntrabandu tas-sigarretti jew it-traffikar tad-droga. B'hekk huwa sar ostaklu għall-Mafja għax kien qed 'jeħodilhom' it-tfal.

Don Pino kien qed jaħseb ukoll biex jorganizza skola sekondarja li ma kenitx teżisti fi Brancaccio. Lanqas ma kienu jeżistu klinika tal-first aid jew servizz diċenti ta' trasport pubbliku. Waqqaf ukoll assoċjazzjoni biex tagħfas fuq il-kunsill lokali ħalli jsiru t-tibdiliet meħtieġa – iżda dawn ma kellux jarahom sakemm dam ħaj. Kien iħobb jgħid: Kieku kulħadd jagħmel xi ħaġa, allura jista' jsir ħafna!

Fil-15 ta' Settembru 1993, Don Pino ħareġ mill-karozza Fiat bajda tiegħu, u kien dieħel f'daru fi Piazza Anita Garibaldi, f'xi l-għaxra ta' billejl wara surprise party li għamlulu ħbiebu f'għeluq sninu.

Salvatore Grigoli, Mafjuż ta' 30 sena, jirrakkonta hekk il-mument tal-qtil: "Is-saċerdot kien qed jipprova jiftaħ il-bieb tad-dar. Kellu bagalja f'idu. Kollox ġara fi ftit sekondi. Indunajt li Gaspare Spatuzza (29 sena) resaq qrib tiegħu, ħadlu l-bagalja u qallu b'vuċi baxxa, 'Dun, din hija serqa.' Don Pino dar, ħares lejh u tbissimlu (ħaġa li qatt m'jien se ninsa u li ma ħallitnix norqod billejl) u qallu, 'Kont qed nistennieha'. Bija lanqas kien induna għax kont warajh. Imbagħad sparajtlu tir f'għonqu, minn wara."

Grigoli u Spatuzza weħlu għomorhom il-ħabs. Wara, nidmu minn għemilhom u bdew it-triq tal-konverżjoni. L-istess weħlu l-aħwa Filippo u Giuseppe Graviano, il-'mandanti'.

Fuq il-qabar ta' Puglisi fiċ-Ċimiterju ta' Sant'Ursula f'Palermo hemm minquxa l-kliem mill-Vanġelju ta' San Ġwann: "Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu."





# Xrobt iżżejjed?

### Kemm hu l-limitu għall-adulti u ż-żgħażagħ?

Il-limitu għall-adulti hu 14-il unit ta' alkoħol fil-ġimgħa (mhux aktar minn tliet units f'ġurnata u tal-inqas jumejn fil-ġimgħa mingħajr alkoħol).

Unit ta' alkoħol hu ekwivalenti għal nofs pinta birra jew cider (3%-4% alkoħol), jew 25 ml ta' spirtu (40% alkoħol), jew 50 ml inbid (20% alkoħol).

Nisa tqal jew li qed jippruvaw jinqabdu tqal ma għandhom jixorbu assolutament ebda alkoħol. Jekk ma jistgħux jagħmlu mod ieħor, il-limitu hu unit jew tnejn darbtejn f'ġimgħa, u ma għandhomx jiskru.

### Konsegwenzi ta' xorb żejjed?

Tazza kuljum taf ma tagħmillekx ħsara, imma jekk m'intix kapaċi tieqaf wara tazza waħda, se jkun hemm effett kumulattiv, jiġifieri l-ammonti se jingħaddu flimkien.

Jekk tixrob alkoħol żejjed tista' tikkaġuna pancreatitis, li tista' ssir kronika u bil-kumplikazzjonijiet. Il-pancreas tgħin biex tirregola l-użu tal-insulina fil-ġisem u kif il-ġisem jilqa' għall-glucose. Xorb ta' alkoħol fit-tul iżid ukoll ir-riskju ta' infjammazzjoni u mard fil-fwied, għax hu l-fwied li jipproċessa l-alkoħol. Meta l-pancreas u l-fwied ma jaħdmux sew, tissogra li jkollok blood sugar baxx jew għoli.

Abbuż mill-alkoħol li jkun kroniku u sever jista' jwassal ukoll għal ħsara permanenti fil-moħħ. L-alkoħol jista' jnaqqas il-komunikazzjoni bejn il-moħħ u l-ġisem, u jnaqqas l-abbiltà li taħseb b'mod ċar u tieħu deċiżjonijiet raġunati.

Persuni li jixorbu ħafna alkoħol jafu jispiċċaw jiddependu fuq l-alkoħol fiżikament u emozzjonalment. Persuna jista' jkollha bżonn għajnuna professjonali biex taqta' d-dipendenza fuq l-alkoħol.

### Xorb u mediċini

Jekk tixrob l-alkoħol wara li tkun ħadt xi medicina magħrufa bħala over-the-counter (li jinxtraw mingħajr riċetta) jew supplimenti, jista' jwassal għal problemi ta' saħħa. It-taħlit tal-alkoħol ma' ċerti mediċini li jkunu nxtraw b'riċetta tat-tabib jista' jwassal biex persuna ma tibqax tieħu nifs.

## Xorb u droga

Id-droga tista' żżid l-effetti kollaterali tal-alkoħol. Tista' wkoll taħbi l-effetti tal-alkoħol u ġġiegħlek taħseb li m'intix fis-sakra. It-taħlit tal-alkoħol mal-kokaina jżid it-taħbit tal-qalb, u dan jikkaġuna stress fuq il-qalb. Il-marijuana wkoll tikkaġuna dgħufija jew ħsara meta tittieħed mal-alkoħol. Fil-fatt, fuq ħafna fliexken tal-pilloli ssib miktub li min qed jeħodhom għandu jillimita l-konsum tal-alkoħol jew jevitah kompletament.

Alkoħol u benzodiazepines (kalmanti u trankwillanti) jistgħu jwasslu biex tintilef minn sensik u tieqaf tieħu n-nifs.

## Xorb u antibijotiċi

Jekk tixrob meta tkun qed tieħu l-antibijotiċi tista' ddgħajjef is-sistema immunitarja u tnaqqas l-abbiltà tal-ġisem li jiġġieled il-mard. Jista' jikkaġuna sturdamenti, ansjetà, uġigħ fis-sider u problemi tal-qalb.

Taħlit bejn il-pilloli tal-irqad u l-alkoħol jista' jfixkel il-kordinazzjoni u l-memorja, u jwasslu biex persuna tintilef minn sensiha.

Ħafna ingredjenti li wieħed isibhom f'mediċini għall-irjiħat u l-allerġiji jafu jaħdmu ħażin ħafna mal-alkoħol. Mediċini għas-sogħla li jkun fihom dextrometorphan jew codeine jistgħu jwasslu għal telqa u sturdament, u jekk jittieħdu mal-alkoħol jistgħu jwasslu għal overdose. Antihistamines ukoll iwasslu għal sintomi simili meta jitħalltu mal-alkoħol.

Minbarra ammonti għolja ta' kafeina, l-hekk imsejħa energy drinks jinkludu kimika li tqawwi l-livelli tal-enerġija u taħbi l-effetti tal-alkoħol.

Herbal supplements li jinbiegħu bħala mood enhancers, jiġifieri li jtejbulek l-umur, jistgħu wkoll jaħdmu ħażin mal-alkoħol.

## F'każ li qbiżt il-limitu?

Breakfast sustanzjuż jagħti lura nutrijenti importanti lill-ġisem; dan jgħin biex tikkumbatti l-aċidità b'mod tajjeb.

Meta wieħed jixrob ammonti eċċessivi ta' alkoħol ikun qed iqagħbar ħafna s-sistema naturali tal-ġisem. L-alkoħol iwassal għal dehydration, allura dak li tħoss filgħodu huwa l-mod kif il-ġisem jgħidlek biex tixrob. L-alkoħol jista' jwassal għal nixfa b'diversi metodi. Bażikament, għandu effett dijuretiku. Żgur li nnutajt li meta tixrob, iżżid fl-urina. Dan huwa sinjal min-natura li l-ġisem qed jitlef ħafna likwidi. Allura kull darba li tgħaddi l-urina, ftakar biex wara, tixrob mill-inqas żewġ tazzi ilma. Dan jgħin ukoll biex tnaqqas il-proċess tas-sokor. Urina eċċessiva twassal ukoll għal telf ta' ħafna electrolytes mill-ġisem, u dan iżid mal-istat ta' hangover, jiġifieri kif tkun tħossok wara xorb eċċessiv jew sakra.

Jekk tirrimetti waqt li qed tixrob, dan iwassal biex titlef ħafna likwidi u electrolytes mill-ġisem. Għalhekk trid tiżgura li tkompli tixrob ħafna ilma.

## Medikazzjoni

Ma hemm ebda mediċina li fiha nnifisha tikkura l-hangover. Wieħed irid joqgħod attent ħafna rigward mediċina għax, minbarra l-fatt li dawn ma jaħdmux, jistgħu wkoll kultant jagħmlu iktar ħsara milli ġid.

Jekk int jew xi ħadd li taf qed tiffaċċjaw problemi ta' xorb, ċemplu fuq 179 biex jgħinuk tifhem il-perikli tal-alkoħol, tagħraf is-sinjali li qed issir abitwat għall-alkoħol, u jidderiġuk lejn ċentru (anonimu) ta' kura qrib tiegħek.



# Xi darba ommi għad tismagħni!

Jisimni Mildred Honor. Kont ngħallem il-mużika fi skola primarja. Biex naqla' xi ħaġa żejda kont nagħti l-lezzjonijiet tal-pjanu. Kont ili tletin sena nagħmel dan. Mill-esperjenza tgħallimt li mhux it-tfal kollha jkollhom kapaċità ndaqs għall-mużika. Qatt ma kelli x-xorti ngħallem lil xi ġenju, għalkemm xi studenti li għallimt kellhom talent.

Madankollu, kelli numru ta' studenti li kellhom jegħlbu ħafna ostakoli fil-mixja mużikali tagħhom. Wieħed minn dawn kien jismu Robby. Kellu ħdax-il sena meta ommu, single mother, ġabitu għall-ewwel lezzjoni tal-pjanu.

Ngħid għalija nippreferi li l-istudenti, speċjalment is-subien, jibdew minn età iżgħar. Lil Robby dan għedthulu, imma Robby weġibni li minn dejjem kienet ix-xewqa ta' ommu li hu jitgħallem il-pjanu. Għalhekk aċċettajtu bħala student.

Robby beda bil-lezzjonijiet imma jien mill-ewwel indunajt li dax-xogħol kollu ma konna se naslu mkien. Jipprova kemm jipprova, Robby ma kellux dak is-sens bażiku ta' ton u ritmu li huma meħtieġa biex jibbrilla. Imma hu kien jagħmel ħiltu kollha u jistudja anki dawk is-siltiet elementari li jien inġiegħel lill-istudenti tiegħi jagħmlu.

Għaddew ix-xhur, u hu baqa' jipprova fuq li jipprova, waqt li jien bqajt nisma' u nisma' u nkompli ninkuraġġih. Fl-aħħar tal-lezzjoni dejjem kien jgħidli: "Xi darba ommi għad tismagħni ndoqq!"

Imma kollu għalxejn. Robby sempliċement ma kellux dik ix-xi ħaġa speċjali ġo fih. Lil ommu ma kontx

nafha ħlief mill-bogħod, għax kienet twasslu jew toqgħod tistennieh ’il bogħod. Dejjem kienet ixxejjirli jew titbissimli, imma qatt ma daħlet ġewwa.

Jum fost l-oħrajn Robby ma baqax jiġi għal-lezzjonijiet. Kont se nċempillu imma assumejt li minħabba n-nuqqas ta’ kapaċità kien iddeċieda li ma jkomplix u jaqbad xi ħaġa oħra. F’qalbi kont ħadt pjaċir; ma tantx kien jagħmilli riklam tajjeb!

Ħafna ftit ġimgħat wara bgħatt ittra lill-istudenti kollha biex nistedinhom għal kunċert li fih kienu se jdoqqu. Skantajt mhux ftit meta fost l-ittri li rċevejt kien hemm waħda mingħand Robby fejn talabni jdoqq (bi żball kont bgħatt ittra lilu wkoll). Jien għedtlu li l-kunċert kien miftuħ għal dawk l-istudenti li kienu qed jattendu l-lezzjonijiet bħalissa, u li minħabba li hu kien waqaf jattendi ma setax jieħu sehem.

Huwa qalli li ommu kienet mardet ħafna u ma setgħetx tibqa’ ġġibu għal-lezzjonijiet imma hu kien baqa’ jipprattika waħdu d-dar. “Miss Honor,” talabni, “jekk jogħġbok, nixtieq ħafna li ndoqq!”

Ma nafx x’fettilli, imma għedtlu iva. Forsi għax kien insista ħafna hu jew xi ħaġa ġo fija qaltli li xorta waħda kollox kien se jmur sew.

Waslet il-lejla tal-kunċert. Is-sala mtliet daqs bajda bil-ġenituri, studenti, ħbieb u qraba. Lil Robby ħallejtu għall-aħħar tal-programm apposta, propju qabel ma kien imiss lili biex nitla’ nirringrazzja lill-istudenti u ndoqq jien stess biċċa pjanu bħala konklużjoni. Bejni u bejn ruħi għedt li anki jekk Robby jaqta’ figura kerha, jien kont inkun nista’ nbenġilha bid-daqq tiegħi.

Il-kunċert beda u kompla mingħajr problemi. Deher ċar li l-istudenti kollha kienu ħejjew ruħhom tajjeb. Fl-aħħar kien imiss lil Robby biex jitla’ fuq il-palk. Ħwejġu kienu kollha mkemmxin u xagħru magħqud u mdellek. “Ma setax jilbes ftit bħall-istudenti l-oħrajn?” għedt f’qalbi. “Ma setgħetx ommu ppetnatlu xagħru qabel ġie għal din is-serata speċjali?”

Robby ġibed ’il barra l-banketta tal-pjanu u beda jdoqq. Skantajt mhux ftit meta rajtu li kien għażel il-Kunċert Numru 21 in do maggiore ta’ Mozart. Qatt ma bsart li se nisma’ dak li fil-fatt smajt. Subgħajh ħfief bdew jiġru minn naħa għal oħra tat-tastiera tal-pjanu, qishom qed jiżfnu fuq in-noti bojod u suwed.

Mill-pianissimo għadda għall-fortissimo, u mill-allegro għall-virtuoso. Robert daqq kollox perfett, anki l-partijiet diffiċli. Qatt ma smajt lil xi ħadd idoqq il-mużika ta’ Mozart daqshekk tajjeb minn persuna tal-età tiegħu. Wara sitt minuti u nofs spiċċa bi gran crescendo u kulħadd infexx iċapċap, kulħadd bilwieqfa jgħajjat.

Bid-dmugħ f’għajnejja tlajt niġri t-taraġ u għannaqt lil Robby miegħi. “Rob, qatt ma smajtek iddoqq daqshekk tajjeb! Kif irnexxielek?”

Robby qabad il-mikrofnu f’idu u weġibni b’mod li semgħu kulħadd: “Miss, tiftakar darba għedtlek li ommi kienet marida? Fil-fatt ommi kellha kanċer u mietet dalgħodu. Ommi twieldet truxa ... u għalhekk illejla kienet l-ewwel darba li semgħetni ndoqq. Xtaqt li tkun okkażjoni speċjali.”

Ma kienx hemm persuna fis-sala li ma qabżitilhiex demgħa dakinhar. U meta Robby niżel mill-palk, irrealizzajt kemm kont ixxurtjata li Robby kien student tiegħi.

Dakinhar kont sirt l-istudenta ta’ Robby, u hu kien sar l-għalliem tiegħi, għax kien hu li għallimni x’jiġifieri tippersevera u tħobb; x’jiġifieri temmen fik innifsek; x’jiġfieri tagħti ċans lil xi ħadd avolja ma tkunx taf għaliex.

Sfortunatament, Robby nzerta kien fl-Alfred P. Murrah Federal Building, f’Oklahoma City fid-19 ta’ April tal-1995 meta ċertu Timothy McVeigh u Terry Nichols qiegħdu karozza-bomba fil-garaxx ta’ taħt il-bini. Robby miet, flimkien ma’ 120 persuna oħra.

# Gost Flimkien

## ĦAMEST AĦWA BNIET

F'kamra waħda hemm ħamest aħwa bniet.
Anne qed taqra ktieb.
Margaret qed issajjar.
Kate qed tilgħab id-draughts.
Mary qed tgħaddi l-ħwejjeġ.
X'qed tagħmel il-ħames waħda?

## TONGUE TWISTERS

Ippruvawhom flimkien id-dar!

How many cookies would a good cook cook if a good cook could cook cookies? A good cook could cook as many cookies as a good cook who could cook cookies.

Whether the weather be fine,
Or whether the weather be not,
Whether the weather be cold
Or whether the weather be hot,
We'll weather the weather,
Whatever the weather,
Whether we like it or not.

Three thin thieves thought a thousand thoughts. Now if three thin thieves thought a thousand thoughts, how many thoughts did each thief think?

## X'QED TARA?



Qed tarah iż-żrinġ? Jekk iddawwar ftit l-istampa, liema animal tibda tara?



Jekk taqleb l-istampa ta' taħt fuq, liema annimal tista' tara?

WHAT HAS 4 LETTERS, SOMETIMES 9 LETTERS, BUT NEVER HAS 5 LETTERS.

X'tikkummenta kieku kellek tara din miktuba xi mkien?

## Kompli l-piramida billi timla X, Y u ? bin-numri korretti




## ŻEWĠ ARLOĠĠI

**Kif tista' tkejjel 15-il minuta jekk kulma għandek huwa arloġġ tar-ramel ta' 7 minuti u ieħor ta' 11-il minuta?**



## SOLUZZJONIJIET

- **Ħamest Aħwa:** Qed tilgħab id-draughts ma' Kate.
- **WHAT HAS 4 LETTERS:** Din fiha naqra trick. Fil-fatt din mhix mistoqsija imma stat ta' fatt: il-kelma WHAT fiha 4 ittri, il-kelma SOMETIMES fiha 9 ittri, u l-kelma NEVER fiha 5 ittri.
- **PIRAMIDA:** Filliera 1:100 | Filliera 2: 65,35 | Filliera 3: 34,31,4 | Filliera 4:10,24,7,-3.
- **ŻEWĠ ARLOĠĠI TAR-RAMEL:** Dawwar iż-żewġ arloġġi fl-istess ħin. Meta l-arloġġ ta' 7 minuti jieqaf, dawru u erġa' ibda. Xħin jieqaf l-arloġġ ta' 11-il minuta tkun taf li fl-arloġġ ta' 7 minuti jkunu għaddew erba' minuti. Waqqaf l-arloġġ ta' 7 minuti u erġa' aqilbu. Meta jispiċċa jkunu għaddew l-erba' minuti li jkollok bżonn biex ikunu għaddew 15-il minuta.



# Ras perfetta

Minn meta kien għadu żgħir, Stephen kellu ħotba f'dahru. Meta kien ikun liebes ma kienx jimporta wisq, għax hekk ma tantx kien jidher. Imma meta kien ikollu jinża' biex jgħum jew jinħasel, kien jistħi ħafna juri dahru.

Stephen ma setax jaċċetta li dahru kien hekk. Anzi, propjament lil dahru kien jobogħdu!

Darba waħda Stephen sab ruħu fil-kju, l-iskola, jistenna biex jinviżtah it-tabib. Kien qed jisħet is-siegħa u l-mument meta t-tabib kien se jgħidlu "Inża' l-qmis!"

Fl-aħħar wasal il-mument. Stephen ipprova jħoll il-buttuni, imma tant kien eċċitat u nervuż li jdejh bdew jirtogħdu. Fl-aħħar, b'xi mod, il-qmis neżagħha. Sakemm it-tabib qagħad jeżaminah, Stephen żamm għajnejh magħluqa.

F'ħin minnhom, it-tabib (li kien induna kif kien qed iħossu t-tifel) ħares lejh u għamel ħaġa mhux tas-soltu. Dar madwar il-mejda, qabad wiċċ Stephen f'idejh u ħares fiss f'għajnejh.

"Stephen," qallu t-tabib b'ġentilezza kbira, "int temmen f'Alla?"

"Iva, sir," wieġeb it-tifel.

"Bravu!" qallu t-tabib. "Aktar ma temmen fih, aktar tista' temmen fik innifsek." Imbagħad it-tabib kompla fuq xogħlu, qisu qatt ma kien xejn.

Wara ftit, qagħad bilqiegħda u kiteb xi ħaġa fuq il-karti li kellu quddiemu u ħareġ ftit mill-kamra. Kif it-tabib ħareġ mill-kamra, Stephen ġietu kurżità kbira li jkun jaf x'kiteb dwaru t-tabib. Ħa l-okkażjoni u qam minn fuq is-siġġu malajr u tawwal għonqu kemm seta' biex jara. Taħt il-kolonna "Physical Characteristics" it-tabib kien kiteb: "Stephen għandu rasu b'forma perfetta."

Stephen ma setax jemmen 'l għajnejh. It-tabib ma kienx kiteb "għandu ħotba" jew "għandu difett f'dahru". B'tattika kbira, it-tabib kien ħalla l-kamra apposta u ta żmien biżżejjed biex Stephen jilħaq jaqra xi ħaġa tajba dwaru.

F'ħin minnhom it-tabib reġa' daħal. Iċċekkja xi ftit affarijiet oħra dwar Stephen, u bi tbissima qallu: "Ok, Stephen, tista' terġa' tilbes il-qmis. Għid lil ta' warajk jidħol ftit, jekk jogħġbok."

Mument qasir ta' sensittività u tattika min-naħa tat-tabib. Mument tad-deheb li Stephen qatt ma nesa. Mument li tah stima tiegħu nnifsu: għax hu mhux biss ħotba fuq dahru kellu, imma fuq kollox ras b'forma perfetta!





# Fejn bqajtilna?

## Santa Marija fi żmien il-pandemija

Dis-sena nibqgħu dejjem niftakruha
għax mhix bħal snin oħrajn diġà mgħoddija;
ħassejna n-nuqqas tiegħek, vojt ħakimna,
postok ma jieħdu ħadd fil-qalb ta' qalbna.
Qalulna li sa tibqa' ġewwa l-maqdes
biex ma jinġabrux folol fil-Għid tiegħek;
għalhekk minflok ħriġt int, ġejna aħna wliedek.

Das-sajf mhux bħal sjuf oħra, sajf imtarrax
li jħalli marka bħar-raddiet fir-raba';
xtaqniek mill-ġdid iddur mat-toroq tagħna
biex minn wara l-bibien u t-twieqi mdawla
jagħtuk titwila l-morda msakkra f'darhom.

Se jibqa' mhux mitmum das-sajf fost sħabu
imċaħħad minn kull ħlewwa tal-imgħoddi
li ġewwa l-qlub titnissel hekk kif tirfes
fil-bieb tal-maqdes tagħha l-Omm u Verġni.
Dis-sena ma rajniex l-aħħar raġġ fietel
tax-xemx fil-għabex lil ħaddejk ilewwen;
Dis-sena ma stajniex nifirħu sewwa
U ngħajtu bla lġiem kliem ta' foħrija.

Mistrieħa l-ispallejn baqgħu, u ħielsa,
ta' rġiel godlin li jgħolluk għalenija
sabiex minn ġos-santwarju tiegħek tixref
u tbierek il-miġemgħa tal-Insara.
Awwissu ta' dis-sena mhux Awwissu
imma biss xahar fost bosta xhur imtektka
mil-linka indelibbli tal-mard kiefer.
Ladarba ma meddejtx riġlejk ħarkiena
biex turi li tal-qlub għadek sultana
ġejn'aħna nżuruk, biex minn għajnejna
tixxotta d-dmugħ li f'dan il-wied jinġema'.

Tħallix l'Awwissu ieħor jerġa' jsibna
mifxula minn xi għadu mingħajr sura;
roddilna mill-ġdid l-hena tal-imħabba –
lil Ibnek wissi sħiħ biex isib temma
għall-mard li tfaċċa mingħajr għelm u wirja
u għaliex Inti Omm ta' ħniena u barka
terġax tissakkar ġeww', ippremja talbna!

23.8.2020

TEKNOLOĠIJA ĠERMANIŻA

Qegħdin niżviluppaw

# Karozza Elettrika Rivoluzzjonarja

creditreform.de

NINTRODUĊU ESTREAMER ONE



Int tara batterija.
JIEN NARA OPPORTUNITÀ



## INVESTI FL-IKTAR ĦAĠA LI QIEGĦDA FUQ FOMM KULĦADD BĦALISSA!

**Investi b'ammont minimu ta' €3,000**
**Bond marbut mal-ħarsien tal-ambjent b'rendiment ta' 4.5%***

*E-Stream Energy GmbH & Co KG qiegħda tniedi bond ta' €8,000,000 4.5% E-Stream Energy (2019-2029) marbut mal-ħarsien tal-ambjent. Il-garanzija pprovduta minn Timberland Securities Investment plc mhux garantit. Ir-rendiment jitħallas fi Frar u Awwissu b'ammont minimu ta' €3,000.

E-Stream Energy GmbH & Co KG (inkorporata fil-Ġermanja bl-uffiċċju reġistrat fi Wilhelmshofallee 83,47800 Krefeld, il-Ġermanja) hija l-emittent ta' bond mhux subordinat maħruġ skont it-termini ta' Prospett Bażiku datat 19 Novembru 2019, u approvat mir-regulatur finanzjarju ta' Liechtenstein skont ir-regolamentazzjoni fuq il-prospetti u t-Termini Finali rilevanti ( minn issa msejħa "Prospett"). Il-Garanti huwa Timberland Securities Investment plc, inkorporat f'Malta bl-uffiċċju reġistrat f'171, Old Bakery Street, Valletta, li jipprovdi garanzija inkondizzjonata, irrevokabbli u mhux garantit lill-Bond. Id-distributur appuntat tal-4.5% E-Stream Energy bond f'Malta huwa Timberland Invest Ltd (bl-uffiċċju tan-negozju li jinsab f'Aragon Business Centre, Dragonara Road, St Julian's, STJ 3140), li hija entità regolata awtorizzata mill-MFSA, dejjem skont l-Att tal-Investment Services,1994. Investituri prospettivi għandhom jinnutaw li l-bond ma jistax jissarraf qabel id-data tal-maturità. Kif ukoll, jekk se tinvesti f'dan il-bond, mhux se jkollok aċċess għal flusek qabel id-data tal-maturità. Madankollu, inti tista' tittrasferixxi, jew tbigħ, il-bond tiegħek, dejjem skont it-termini tal-Prospett datat 19 Novembru 2019. Il-valur tal-investimenti tiegħek jista' jitla' kif ukoll jinżel, u tista' titlef xi parti jew l-ammont kollu li inti tkun investejt. Il-prestazzjoni tal-imgħoddi mhix neċessarjament indikattiva tal-prestazzjoni tal-futur. Investituri prospettivi huma mħeġġa biex jiksbu parir xieraq u addattat qabel ma jinvestu, kif ukoll biex jaqraw il-Prospett, partikularment ir-`Risk Factors' li jinsabu fih. Kopja tal-prospett tista'tinkiseb b'xejn, dejjem matul il-ħin normali tan-negozju, mill-uffiċini ta' Timberland Invest Limited, jew inkella mill-uffiċċju tan-negozju ta'John Degiorgio, l-aġent marbut ta' Timberland Invest Ltd li jinsab f'10, Triq ta' Xlejli, Il-Gudja GDJ1801 jew mis-sit elettroniku http://www.estream-bonds.com. Dan ir-riklam huwa approvat minn Timberland Invest Ltd. L-evalwazzjoni tas-solvibbiltà maħruġa minn Creditreform ("CR") hija opinjoni indipendenti tas-solvibbiltà ta' entità jew debitur, jew b'mod ġenerali jew fir-rigward ta' obbligu finanzjarju speċifiku. L-istimi ta' CR huma dikjarazzjonijiet ta' opinjoni rigward ir-riskju tal-kreditu (jew is-solvibbiltà) u mhux dikjarazzjonijiet tal-fatt. CR mhijiex aġenzija regolata tal-klassifikazzjoni tal-kreditu kif definita mir- Regolazzjoni (EU) 462/2013 tal-Parlament Ewropow.

John Degiorgio huwa reġistrat mal-MFSA bħala l-agent marbut ta' Timberland Invest Ltd għall-provediment tas-servizz ta' twassil u trasmissjoni ta' ordnijiet fir-rigward ta' titoli trasferibbli.

**Ċempel lil John Degiorgio fuq 9942 7746**

**Email: John.Degiorgio@timberland-finance.com**

E-STREAM ENERGY

TIMBERLAND Invest Ltd.

John Degiorgio

**Aragon House Business Centre, Dragonara Road, St Julian's STJ 3140**

**+356 2090 8100** **info@estream-energy.com** **www.estream-bonds.com**